**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 36/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 36**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2014. Il-laqgħa bdiet fil-5:30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett.

Il-Kunsilliera Raymond Attard u Tyrone Muscat kien skużati.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

## 1. Minuti

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 35 tas-Sitt Leġislatura**

1.1. Il-Kunsill Lokali Paola approva dawn il-minuti *nem con.*

**Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita**

1.2. Sargħet diskussjoni dwar il-kummenti li saru mir-residenti preżenti għal-laqgħa tal-lokalita. Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi saru laqgħat bejn is-Segretarju u l-istaff sabiex is-suġġerimenti tar-residenti jiġu attwati. Il-kummenti u s-suġġerimenti huma annessi mal-minuti ta' l-istess laqgħa.

1.3. Il-Kunsill approva dawn il-minuti *nem con.*

## 2. Korrispondenza

2.1. Ittra mingħand il-Perit William Lewis li titblob *no objection* mill-Kunsill Lokali Paola sabiex *it-Traffic Lights Cafe* ipoġġi mwejjed u siġġijiet fil-parking ta' quddiem il-ħanut b'mod permanenti bħall-każ tal-Buon Cafe. Il-Kunsill Lokali approva u l-Kunsillier Bernard Lynch żied illi hemm bżonn jitranġa il-mod kif jipparkjaw il-karozzi quddiem il-poliklinika

2.2. Ittra mingħand il-Banda Kristu Re fejn talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex torganizza numru ta' attivitajiet marbuta mal-festa Kristu Re 2014. Il-Kunsill approva li jsiru dawn l-attivitajiet.

2.3. Ittra mingħand is-soċjetà tal-Museum tal-Bniet li qed jitolbu għajnuna finanzjarja. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet u għalhekk kien hemm qbil li ma tingħatax donazzjoni.

2.4. Ittra mingħand il-Kunsill Pastorali Parrokkjali dwar l-40 sena anniversarju tas-Saċerdozju tal-Kappillan kif ukoll dwar l-ewwel Quddiesa Solenni ta' Rev. Fr. Brian Gialanze. Il-Kunsill Lokali Paola qabel li jattendi għaż-żewġ okkażjonijiet filwaqt li ma qabilx illi għanda tingħata donazzjoni sabiex jinxtraw rigali għaż-żewġ okkażjonijiet kif mitlub fl-ittra. Il-mejda qablet li minflok dawn ir-rigali għanda tingħata tifkira lil Rev. Fr. Brian Gialanze għal din l-okkażjoni speċjali però ma qabilx li tingħata tifkira għall-anniversarju tal-Kappillan minħabba preċedent li jista' jinqala f'anniversarji simili ta' persuni varji parti mill-Komunità.

2.5. Ittra mingħand residenta ta' 84 sena li waqgħet minħabba ix-xogħol li kien qed isir ix-xogħol fit-toroq ta' Paola. Hija qed titlob li tingħata flus lura tan-nuċċali li jiswa Euro 108. Il-Kunsill Lokali approva li jingħataw il-flus tan-nuċċali.

2.6. Ittra mingħand Eugene Sapiano sabiex tissemma triq għas-Sur Brennan (Alfred J Brennan) li kien għalliem f'Paola. Il-Kunsill qabel li din it-talba tgħaddi għand l-*Street Naming Commitee.*

2.7. Ittra mingħand l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini sabiex jiżdiedu il-*bins* ħdejn il-Knisja ta' St. Antnin kif ukoll sabiex isiru żewġ siġriet fejn l-istatwa ta' San Piju. Il-Kunsill qabel illi għandom isiru dawn il-bins minħabba li dawk li kienu fil-post tkissru.

2.8. Ittra mingħand Sur Christopher Ellul li qed jitlob li jagħmel użu minn Pjazza Sant' Ubaldeska sabiex isir riċeviment fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħu nhar it-18 ta' Lulju 2015 wara li huwa wkoll ser isir Saċerdot. Il-Kunsill Lokali qabel illi billi din l-okkażjoni taħbat f'Lulju 2015 u għalhekk il-Kunsill Lokali Paola ikun inbidel billi tibda leġislatura oħra, jagħti *no objection* sakemm isir komunikat mal-Kunsill Lokali ta' dak iż-żmien.

2.9. Ittra mingħand Sur Vincent Scerri fejn qed jissuġġerixxi li l-parkeġġ fi Triq Tramuntana isir *fish-bone.* Hawnhekk il-Vici Sindku irrimarka illi kien fil-leġislatura preċedenti kien hemm tiġa dan il-ħsieb però dan ma seħħx minħabba xi problemi fil-garaxxijiet li kien hemm fl-area. Il-Kunsill Lokali qabel illi għandu jerġa jibda l-proċess sabiex naraw jekk dan il-parking hux possibbli li jinbidel kif issuġġeriet f'din l-ittra.

2.10. Rapport mingħand il-GreenPak dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli mill-lokalita fejn jidher ċar li l-iskart separat illi qed jinġabar mill-lokalita qed jiżdied u l-lokalita ta' Paola issa tinsab fis-26 post mill-Kunsilli Lokali li qed joperaw mal-GreenPak u mhux fl-aħħar post kif kien qed isir fis-snin ta' qabel. Fuq dan il-punt il-Kunsill Lokali qabel ukoll illi għandna tintbagħat ittra lis-Sidien tal-ħwienet dwar il-ġbir ta' l-iskart wara li dawn mhux qed jikkoperaw mas-sistemi preżenti fil-lokalita. Il-Viċi Sindku qal li għalkemm il-Kunsill Lokali Paola qed jiġbor dan l-iskart u mhux obbligat jagħmel dan, dawn is-sidien tal-ħwienet mhux jikkoperaw mas-sistemi li jopera il-Kunsill Lokali f'dan ir-rigward.

## 3. <u>Ħaddiema tal-Kunsill</u>

3.1. Is-Segretarju informa lil Kunsill Lokali illi irċieva mozzjoni mingħand il-Kunsillier Steven Axisa li ġiet ukoll issekondata mill-Kunsillier Raymond Attard sabiex l-impjegat tal-Kunsill, is-Sur Anthony Gatt, jiġġeddidlu iż-żmien għall-pensjoni. Hawnhekk il-Viċi Sindku Domnic Grima ħareġ mill-kamra minħabba interessi personali sakemm ġiet diskussa din il-mozzjoni.

3.2. Hawnhekk is-Sindku spjega illi Sur Gatt jasal għall-età tal-pensjoni f'Novembru li ġej u jaħseb illi din it-talba hija valida ħafna. Is-Segretarju żied ukoll illi kif mitlub f'Ċirkulari mibgħuta riċentement f'każ bħal dan irid ikun hemm ukoll l-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.3. Fuq din il-Mozzjoni il-Kunsill qabel b'mod unanimu u għalhekk kien hemm qbil li s-Segretarju jibda l-proċeduri meħtieġa sabiex is-Sur Anthony Gatt jiġġeddidlu il-kuntratt b'sentejn minn Novembru 2014.

3.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera dwar it-talba tal-impjegata tal-Kunsill Lokali, Josephine Camilleri, sabiex din titla għal Skala 13 minn 15 wara li ilha taħdem fil-Kunsill għal tlett snin sħaħ. Is-Sindku semma illi dwar dan id-Dipartiment infurmana li f'każ li l-Kunsill Lokali jaqbel tkun trid issir sejħa interna. Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

3.5. Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni proposta li terġa tinfetaħ is-sejħa għal Skrivan *full time* fi skala 15. Huwa żied illi għalkemm kien kontra li terġa tinfetaħ din is-sejħa huwa biddel fehmtu wara il-parir mogħti mis-Segretarju Eżekuttiv. Hawnhekk is-Segretarju żied illi fid-dawl tal-fatt illi l-iskrivani li qed jaħdmu mall-Kunsill bħalissa huma nies ta' l-ETC ikun idejali jekk ikun hemm full-timer bħala skrivan li jkun impjegat tal-Kunsill. Dan jgħin biex anka fil-ħin ta' wara nofsinhar ikun hemm dejjem persuna li tieħu ħsieb il-*customer care.* Dan ix-xogħol ta' wara nofsinhar kien qed isir minn Sandra Said, impjegata taht l-iskema ta' l-ETC, li però wara tibdil li sar minħabba li twaqqaf il-ftehim li kien hemm preżenti ma' Gafa Saveway Ltd. din l-istess impjegata ser tibda tieħu ħsieb it-tindif tal-Kunsill xorta taħt l-iskema ta' l-ETC. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill Lokali Paola qabel unanimanent li terġa tinfetaħ is-sejħa għall-Skrivan *full-time* fi skala 15.

## 4. <u>Tenders</u>

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab li it-Tender nru. 2/14 *Upkeep and Maintenance of Soft Areas* kellu ikun irtirat minħabba li ma kienx għadda għand il-Green Public Procurement. Fid-dawl ta' dan id-Dipartiment ta' permess lil Kunsill sabiex jestendi it-tender preżenti sakemm jingħalaq il-proċess dwar it-Tender il-ġdid li kien ser joħroġ wara li jiġi approvat mid-Dipartiment tal-Green Public Procurement. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Adjudication Board ta' dan it-tender jibqa' dak li kien fit-Tender 2/14.

4.2. Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni Tender nru. 6/2013-Pavement Works fejn informa lil Kunsill Lokali li l-Perit tal-Kunsill kien lesta l-*evaluation report* ta' dan it-tender. Mir-rapport li għamel il-Perit tal-Kunsill jidher illi l-iktar offerta finanzjarjament vantaġġuża kienet dik ta' Polidano Brothers għalkemm uħud mill-prezzijiet huma irrejalistiċi. Il-Kunsill Lokali qabel illi għandu jimxi mal-parir tal-Perit u għalhekk it-tender jingħata lil Polidano Brothers filwaqt li ssir attenzjoni speċjali sabiex il-prezzijiet li jingħataw jaqblu ma dawk tat-tender. Għal dan il-vot is-Sindku Roderick Spiteri u l-Kunsillier Steven Axisa astjenew.

## 5. **Proġett ESF**

5.1. Is-Sindku informa lil Kunsill Lokali dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' l-ESF li qed isir fil-Ħabs ta' Kordin. Huwa żied illi jidher li hemm xi problemi mal-PPCD u hemm bżonn li l-Kunsill Lokali Paola jaqbel illi l-eks Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jibqa' jservi bħala Project Leader fuq bażi kuntrattwali mingħajr ħlas sakemm jispiċċa l-proġett. Is-Sindku żied illi huwa importanti li jibqa *Project Leader* is-Sur Borg minħabba l-fatt li l-proġett jinsab fl-aħħar fażi tiegħu u għalhekk ma jagħmilx sens li jiġi ttrasferit fuq is-Segretarju il-ġdid. Il-Kunsill Lokali qabel nem con.

## 6. ***Financial Exercise***

6.1. Is-Sindku informa lil Kunsill Lokali dwar eżerċizzju finanzjarju li għamel is-Segretarju Eżekuttiv fejn jidher illi l-Kunsill Lokali Paola għandu bilanċ pożittiv ta' madwar €300,000.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi żied illi €77,025 minn dawn it-€300,000 huma flus li huma investiti fil-Bank of Valletta-*La Valette Funds sicav plc*. Is-Segretarju qal li ġie infurmat mill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Anthony Chircop illi dan l-investiment ma kienx approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif rikjest mill-Proċeduri għall-Kunsilli Lokali (1996) K.L.P 1/96 P1.18b. Dan ġie nnotat ukoll mill-Awdituri fil-Maniġment Letter. Għaldaqstant is-Sindku ippropona illi dan l-investiment jiġi mwaqqaf u l-fondi imorru fl-accounts tal-Kunsill Lokali miżmuma fil-Bank of Valletta. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu.

6.3. Is-Segretarju kompla billi qal illi mill-eżerċizzju finanzjarju għas-sena 2014 li sar, jidher li wara li jitnaqqsu l-ispejjeż preżenti tal-Kunsill u jidħlu l-fondi li għandom jidħlu (plus €60,000 contingency) ser jifdal bilanċ ta' madwar €260,000 sabiex jintefqu fi proġetti ġodda sa l-aħħar tal-leġislatura. Dan jinkludi wkoll il-pagament tal-PPP tat-toroq ta' l-ewwel sena. Is-Sindku hawnhekk żied illi dan l-eżerċizzju ma jinkludix il-flus (madwar €80,000) li għandom jidħlu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bħala parti mill-proġett tal-PPP.

6.4. Hawnhekk is-Sindku ippropona illi l-ewwelnett għandom jitwarrbu €80,000 sabiex jitħallas il-parti tas-sena d-dieħla tal-proġett tal-PPP tat-toroq. Kompla wkoll billi ippropona illi mill-bilanċ posittiv li jibqa għandom jintefqu €150,000 fi proġetti b'risq il-Pawlisti. B'hekk ikunu wkoll twarrbu biżżejjed fondi sabiex iżommu l-Kunsill Lokali Paola fi stadju finanzjarju tajjeb ħafna.

6.5. Is-Sindku talab lil kunsilliera sabiex fil-laqgħa li jmiss iressqu proposti dwar kif jistgħu jintefqu dawn il-fondi għal-ġid tar-residenti.

## 7. Skeda ta' Pagamenti

7.1. Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti għal-approvazzjoni tal-Kunsill għas-somma ta’ €138,553.39

7.2. Il-membri approvaw is-somma ta’ €138,553.39

## 8. Jum Paola

8.1. Il-Kunsillier responsabbli minn Jum Paola is Sur Bernard Lynch qal illi din is-sena Jum Paola ser jiġi ċċelebrat fil-15 ta’ Lulju 2014 sabiex ma jaħbatx ma’ l-attivitajiet tal-Festa ta’ Kristu Re. L-attività issir fi Ġnien Pawlu Boffa. Huwa żied ukoll li f’din il-ġurnata ikunu jistgħu jattendu wkoll il-grupp mill-Polonja li ser ikun qiegħed Malta bħala parti minn Proġett Ewropew tal-Kunsill.

8.2. Is-Sindku żied illi jixtieq li din is-sena l-attivitajiet ta’ Jum Paola jibdew b’quddiesa ġewwa l-Parroċċa ta’ Kristu Re. Il-membru qablu ma din il-proposta.

8.3. Il-Kunsillier Lynch kompla billi tkellem dwar Ġieh Paola fejn qal li ser nistennew li jgħalqu in-nominazzjonijiet umbagħad issir laqgħa tal-Kunsill biex jiġi magħżul minn ser jieħu dan il-ġieh.

8.4. Il-Kunsillier Lynch ippropona li nħallu f’idejn is-Sur Ray Axisa għad-dawl u s-*sound*. Hawnhekk il-kunsillier Axisa telaq mil-laqgħa minħabba konflitt ta’ interess. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li is-Sur Ray Axisa jieħu ħsieb id-dawl u s-*sound* għal Jum Paola 2014.

## 9. Ħwejjeġ oħra

9.1. Sargħet diskussjoni dwar il-ħtieġa li jinxtara *Circulaw Saw* kif ssuġġerita mill-impjegat Anthony Gatt. Dan minħabba ix-xogħol kontinwu li jsir *f’patching* ta’ toroq. Il-Kunsill qabel illi għandom jinġabru kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex umbagħad jiġi diskuss għandux jinxtara dan l-apparat.

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil mejda illi irċieva Mozzjoni mingħand il-Kunsillier Tyrone Muscat fejn qed jippreżenta ktejjeb ta' li tqassam fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Ġnien Pawlu Boffa li sar fil-12 ta' Ġunju 1993. Huwa żied ukoll illi f'din l-okkażjoni kienet inkixfet plakka li tfakkar il-ftuħ tal-ġnien, liema plakka kienet tkissret maż-żmien. Għalhekk f'din il-mozzjoni qed jitlob li din l-istess plakka terġa issir. Il-Kunsilliera Rita Delezio issekondat il-mozzjoni u żiedet li għanda issir plakka ta' l-ewwel Kunsill. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa illi minflok l-irħama ta' l-ewwel Kunsill issir irħama ġewwa l-bini tal-Kunsill Lokali li tfakkar is-Sindku u l-Kunsilliera li servew tul is-snin. Il-Kunsill Lokali iddiskuta din il-materja u qabel li jagħmel plakka li tfakkar l-20 sena Anniversarju tal-Kunsill Lokali Paola u jkun hemm fiha l-ismijiet ta' dawk kollha li servew fil-Kunsill. Din għanda tinkixef fl-okkażjoni ta' Jum Paola 2014. Rigward il-mozzjoni oriġinali li qed titlob li ssir l-irħama tal-inawgurazzjoni ta' Ġnien Boffa kien ittieħed vojt fejn il-maġġoranza tal-membri ma qablitx li din għanda issir.

## 10. Aġġornament

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis 21 ta' Awissu 2014.

Approvati llum 21 ta' Awissu 2014.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku